QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 616/2022/1 NC**

**Gordon Debono,**
**Yvette (Yvette-Marie) Debono,**
**Hi-Low Properties Limited,**
**Petroplus Limited,**
**KB Investments Limited,**
**KB Lines Limited,**
**Seabrass Limited,**
**Petrobunkers Limited,**
**Oil and Ship Limited,**
**Gorge Limited,**
**S-Cape Yacht Charter Limited,**
**S-Cape Limited,**
**Yves Limited,**
**La Cucina Limited,**
**The Business Centre Limited,**
**Eleven Eighty Eight Limited,**
**Inovest Limited,**
**Malta Directories Limited,**
**Mr Handyman Limited, u**
**Motor Cycle Art Limited**

**vs.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija,**
**L-Avukat tal-Istat, u**
**L-Avukat Ġenerali**

Illum it-22 ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Gordon Debono et (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2022 fejn talbu lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant, r-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tordna:*

*1) Is-sospensjoni tal-proċeduri kriminali indikati fir-rikors promotur u ċioè dawk fl-ismijiet odjern, attwalment pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja hekk kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech u dan sakemm jiġu deċiżi finalment dawn il-proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali u/jew*

*2) Is-sospensjoni ta' kull att ieħor aċċessorju għall-istess proċeduri kriminali inkluż kemm id-digriet attwalment in vigore fir-rigward tal-liberta' proviżorja tar-rikorrenti u/jew*

*3) Is-sospensjoni ta' kull att ieħor aċċessorju għall-istess proċeduri kriminali inkluż l-ordni ta' iffriżar fil-konfront tal-istess u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors, inkluż dawk tar-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 (Kawża Numru 616/2022 NC).

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 14) tad-9 ta' Diċembru 2022 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimati li ġew mogħtija żmien erbat (4) minn notifika sabiex jippreżentaw ir-Risposta tagħhom.

Rat ir-Risposta konġunta tal-intimati kollha Il-Kummissarju tal-Pulizija et (*a fol.* 19 *et seq.*) ippreżentata fil-15 ta' Diċembru 2022 fejn oġġezzjonaw għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022 (*a fol.* 17 *et seq.*), il-konsulenti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għal dak li ngħad minnhom fir-Rikors u fir-Risposta rispettiva tagħhom dwar it-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022 (*a fol.* 17 *et seq.*), il-Qorti ħalliet ir-Rikors għal-lum sabiex jingħata l-provvediment dwar it-talbiet hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota illi dan huwa provvediment in segwitu ta' talbiet għall-ħruġ ta' miżura proviżorja *ossia interim measure* u, f'dan il-każ, dak li qed jintalab huwa li din il-Qorti tordna:

- is-sospensjoni tal-proċeduri kriminali quddiem quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u dan sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali tal-kawża bin-Numru 616/2022 ippreżentata fit-22 ta' Novembru 2022 fl-istess ismijiet ta' dan il-provvediment;

- is-sospensjoni ta' kull att ieħor aċċessorju għall-istess proċeduri kriminali msemmija nkluż:

    - id-digriet tal-liberta' proviżorja tar-rikorrenti u

    - l-ordni tal-iffriżar fil-konfront tal-istess rikorrenti.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali (inkluż dawk tar-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fit-22 ta' Novembru 2022) jirriżulta s-segwenti:

- Fil-25 ta' Novembru 2020 uħud mir-rikorrenti tressqu taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u ġew akkużati b'numru ta' imputazzjonijiet fil-konfront tagħhom, fosthom dawk ta' ħasil ta' flus.

- Fil-25 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħarġet ordni ta' iffriżar tal-assi fil-konfront tar-rikorrenti li tressqu dakinhar u dan sar *ai termini* ta' Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Ir-rikorrenti jisħqu li fl-istadju tal-arrest tagħhom ma ngħatawx aċċess għal materjal investigattiv.

- Fis-17 ta' Diċembru 2020 ir-rikorrenti ġew mogħtija l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

- Fis-seduta miżmuma fit-8 ta' Ġunju 2021 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ġew ippreżentati imputazzjonijiet ġodda fil-konfront ta' uħud mir-rikorrenti.

Illi fir-Rikors Kostituzzjonali tagħhom ir-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti:

- tiddikjara illi huma sofrew u qegħdin isofru leżjoni tad-dritt ta' liberta' personali hekk kif sanċit f'Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif riprodotti fl-Ewwel Skeda ta' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

- tiddikjara illi huma sofrew u qegħdin isofru leżjoni tad-drittijiet tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom b'Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tiddikjara illi huma sofrew u qegħdin isofru leżjoni tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom b'Artikolu 2

tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tiddikjara illi huma sofrew jew qegħdin isofru jew x'aktarx sejrin isofru leżjoni tad-dritt ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

- tagħti dawk il-provvedimenti u toħroġ dawk l-atti u ordnijiet neċessarji għas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tagħhom inkluż li tordna t-twaqqif u l-estinzjoni tal-proċeduri kriminali kontra tagħhom u/jew tordna li dak kollu aċċessorju għall-istess u ċioè l-ordni ta' iffriżar relattiva u l-fatt li r-rikorrenti għadhom taħt diversi kondizzjonijiet ta' liberta' proviżorja għandhom ukoll jiġu dikjarati nulli u bla effett;

- tillikwida d-danni sofferti minnhom għall-vjolazzjonijiet imsemmija;

- tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti.

Illi, da parte tagħhom, fir-rigward tat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur dwar il-miżura proviżorja, l-intimati joġġezzjonaw għat-talbiet in eżami mressqa mir-rikorrenti u jisħqu s-segwenti:

- it-talbiet imressqa mir-rikorrenti ser iwasslu għal waqfien tal-proċess ta' ġbir tal-evidenza fil-konfront tagħhom;

- jekk jiġu sospiżi d-digrieti u kull att ieħor relatat magħhom, ir-rikorrenti jkunu jistgħu jitilqu mill-pajjiż;

- it-talba għal soprasessjoni għandha ssir quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u mhux quddiem din il-Qorti;

- l-għoti ta' rimedju proviżorju huwa mezz eċċezzjonali u straordinarju u għandu jiġi adottat b'mod ristrett;

- fil-*"Factsheet – Interim Measures"* tal-Qorti Ewropea ta' Jannar 2019 jidher li tali miżura proviżorja tingħata meta jkun hemm riskju gravi għal ħajja jew għal għomor il-ħabs jekk persuna tkun estradita, riskju ta' tortura u persekuzzjoni, riskju ta' tħaġġir, riskju li persuna tkun suġġetta għal mutilazzajoni ġenitali u mhux sabiex jitwaqqfu proċeduri investigattivi u jiġi sospiż kull att ieħor aċċessorju.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet għal miżura proviżorja hawn fuq imsemmija.

Illi l-għan ta' miżura proviżorja hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti jilmentaw li l-proċeduri ta' investigazzjoni, id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u l-ordni ta' iffriżar jwasslu għal ksur:

- tad-dritt tal-liberta' personali;

- tad-dritt tat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom;

- tad-dritt tal-liberta' ta' moviment; u

- tad-dritt għal smigħ xieraq.

Illi l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi *prima facie* fejn ir-rikorrenti jkunu jridu jippruvaw li għandhom każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet

**Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Numru 50/2016/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti:

> "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.[1]"

Illi dan ir-raġunament ġie rifless f'provvedimenti oħra bħal provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Numru 50/2013) fejn ġie spjegat is-segwenti:

> "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[2]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[3]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.[4]" [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tagħmilha ċara illi l-eżami li sejra tagħmel rigward it-talbiet in eżami, kemm jekk jintlaqgħu u kemm jekk jiġu miċħuda, bl-ebda mod ma huwa ser jinċidu fuq l-eżitu tat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Kostituzzjonali tar-rikorrenti. F'każ illi t-talbiet

---

[1] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

[2] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs. Turkija** (Applik. Numru. 46837/99) § 110.

[3] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

[4] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et**.

*de quo* jiġu miċħuda, xorta waħda t-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Kostituzzjonali *per se* jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha u, bl-istess mod, f'każ li t-talbiet in eżami jiġu milqugħa ma jfissirx illi t-talbiet kontenuti fir-Rikors Kostituzzjonali ser jirnexxu bilfors awtomatikament.

Illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi miżuri proviżorji ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov v. Turkey**[5] illi:

> *"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*
>
> *[...]*
>
> *108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued*

[5] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005. Ara wkoll **Shamayev and Others v. Georgia and Russia**, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473.

> *existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".* [emfażi miżjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi kif indikat mill-intimati fir-Risposta tagħhom, l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura proviżorja hijiex mistħoqqa ġie spjegat b'mod ċar fil-provvediment mogħti fis-16 ta' Ġunju 2020 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Numru 227/2019) fejn il-Qorti għamlet lista ta' l-elementi u tat spjegazzjoni ta' meta l-Qorti tista' takkorda miżura proviżorja. F'dan il-provvediment ingħad hekk:

> "Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti *o meno* ta' *interim measures.* B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax *interim measures*:
>
> 1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.[6] [...]
>
> 2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd

[6] **Mark Formosa vs. L-Avukat Generali** 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.) *coram* Onor. Imħ. Jacqueline Padovani Grima.

fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ[7];

3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.[8] Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-*interim order* jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema".[9] [...]

4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]

5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali."

Illi stabbiliti dawn l-elementi hawn fuq imsemmija, il-Qorti ser tistħarriġhom wieħed wieħed ħalli tanalizza jekk japplikawx għat-talbiet in eżami.

Ir-Rimedju Jingħata Biss Meta Ma Jkun Hemm L-Ebda Rimedju Ordinarju A Dispożizzjoni Tar-Rikorrent:

Illi l-proċeduri li qed jintalab li jiġu sospiżi għadhom qed jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Kif jgħidu l-intimati, il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti jinsabu fi stadju ta' struttorja u huwa proċess li fih qed jinġabru l-provi u konsegwentement għad baqa' l-iter proċedurali kollu sakemm tingħalaq il-kumpilazzjoni.

Illi fir-rigward tal-ordni ta' iffriżar, il-Qorti tinnota li r-rikorrenti qed jitħallew jagħmlu użu mir-riżorsi finanzjarji tagħhom minkejja li b'mod limitat. Fir-rigward tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tinnota li r-rikorrenti qed igawdu minn tali benefiċċju, għalkemm b'kondizzjonijet speċifiċi. Dan kollu qed jingħad b'żieda ma' dak li ngħad aktar 'il fuq meta ngħad li dak li qed tagħmel bħalissa l-Qorti

[7] **Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja** 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.).
[8] **Rosette Thake vs. Prim Ministru** 09.06.2016 Prim'Awla (Kost) JRM.
[9] **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali** (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali.

tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja huwa li qed tiġbor il-provi.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li Artikolu 5(3) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

> "Il-Qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni hekk kif mibdul."

Magħdud ma' dan, fir-rigward tal-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti il-Qorti tinnota li xejn ma jwaqqaf lir-rikorrenti milli jagħmlu t-talbiet tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jew quddiem il-Qorti Kriminali (f'każ li l-atti jkunu jinsabu rinvjati għand l-Avukat Ġenerali) sabiex il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu varjati.

Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti jistgħu jagħmlu użu minn rimedji ordinarji u b'hekk l-element in eżami ma ġiex sodisfatt.

<u>Biex Ikun Jista' Jingħata Rimedju Proviżorju, Jeħtieġ Li Min Jitolbu Juri Li Hemm Każ *Prima Facie* Ta' Ksur Ta' Jedd Fundamentali</u>:

Illi, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi *prima facie* fejn ir-rikorrenti jkunu jridu jippruvaw li għandhom każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Illi sabiex tingħata miżura proviżorja wieħed ma jistax jibbaża t-talbiet tiegħu fuq ċirkostanzi li huma ipotetiċi. Kif diġa' ġie msemmi aktar 'il fuq, bħalissa qed jinġabru l-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'dan illi aktar 'il quddiem l-Avukat Ġenerali jrid jiddeċiedi joħroġx il-Kontro-Ordni tiegħu sabiex il-kawża tkompli tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew inkella joħroġx l-Att tal-Akkuża sabiex il-każ jinstema' quddiem il-Qorti Kriminali. B'hekk il-Qorti tinnota li kull ilment li huwa relatat mal-konklużjonijiet ta' din il-proċedura odjerna huwa ilment ipotetiku.

Illi r-rikorrenti qed igawdu mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u ngħataw id-dritt li jibqgħu jirċievu kull wieħed is-somma ta' mhux aktar minn €13,976.24 fis-sena.

Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ma jissussistix l-element tal-*prima facie* sabiex tiġi milqugħa talba għal miżura proviżorja.

Tkun Sejra Sseħħ Ħsara Li Ma Tkunx Tista' Titreġġa' Lura Għall-Interessi Vitali Tal-Parti Konċernata Jew Għall-Perkors Tal-Eżami Li L-Qorti Jkun Jinħtiġilha Tagħmel:
Illi r-rikorrenti jilmentaw li kull ġurnata huma jbatu minn limitazzjonijiet tal-ħelsien tagħhom u mit-tgawdija tal-proprjeta'.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi fl-eventwalita' illi ma tintlaqax it-talba għal miżura proviżorja mhux ser tiġi kkawżata lir-rikorrenti xi ħsara irrimedjabbli u dana anke peress li, kif ingħad aktar 'il fuq, huma qed igawdu mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest kif ukoll minn aċċess, għalkemm limitat, tar-riżorsi finanzjarji tagħhom.

Illi kkunsidrat dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern ma jirriżultax li hemm xi ħsara rreparabbli għall-interessi vitali tar-rikorrenti.

L-Eżistenza Ta' Riskju Imminenti, Li Għalhekk Jimmerita T-Teħid Ta' Miżuri Urġenti:
Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad hawn fuq u tapplikah hawn ukoll b'dan illi l-Qorti tinnota li ma jirriżultax li hemm r-riskju imminenti neċessarju għat-teħid ta' miżuri urġenti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fl-24 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri vs. Avukat tal-Istat** (Numru 454/2021) fejn ġie kkwotat is-segwenti:

> "Fil-ktieb ***"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi:

> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures" (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"."*[10]

Illi minn analiżi tal-fatti rigwardanti r-Rikors promutur ma jirriżultax li hemm *"an imminent risk of irreparable harm to life and limb"*.

Fil-Każ Li Jkun Hemm Ġudikat, Xorta Jista' Jingħata R-Rimedju Proviżorju, Iżda Biss F'Każijiet Verament Eċċezzjonali:
Illi dan l-element ma japplikax għal każ odjern għax għad ma hemmx deċiżjoni li saret *res judicata* u b'hekk il-Qorti ma għandha għalfejn tagħmel l-ebda kumment ieħor dwar dan l-element.

Illi b'hekk isegwi li l-ebda wieħed mill-elementi msemmija fil-provvediment fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Numru 227/2019) hawn fuq kwotat ma ġie sodisfatt. Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet imsemmija fir-Rikors promutur.

[10] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4th. edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura proviżorja u ċioé fejn intalab li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-proċeduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif ukoll is-sospensjoni ta' kull att ieħor aċċessorju għall-istess proċeduri kriminali inkluż id-digriet tal-liberta' proviżorja tar-rikorrenti u l-ordni ta' iffriżar fil-konfront tagħhom.

Bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**